Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 854/2008

**Lewis u Doris konjugi Borg**
**-vs-**
**Speranza Borg u Alfred Borg**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors guramentat** ta' Lewis u Doris konjugi Borg li permezz tieghu ppremettew:

(1) Illi r-rikorrenti ilhom iqabblu minghand il-Gvern porzjoni art diviza ta' raba maghrufa bhala «Ta Qasam Barrani» fil-kuntrada ta' l-Ghadira, l-Mellieha tal-kejl, din l-ghalqa, ta' cirka tlett sighan kif jidher mill-pjanti riferiti iktar l-isfel f'dan ir-rikors bhala Dokument D u E;

(2) Illi l-intimati jew min minnhom qed jippretendu illi huma ghandhom dritt ta' l-uzu ta' spira li antikament



Qrati tal-Gustizzja

kienet tezisti fil-porzjon raba mqabbla ghand ir-rikorrenti pero' li ilha 'l fuq minn hamsin sena mirduma u ghalhekk minghajr ma tintuza, kwindi ma baqghetx spira u qed jippretendu wkoll li ghandhom dritt ta' passagg minn fuq ir-raba mqabbla ghand ir-rikorrenti sabiex jaghmlu uzu minn din l-ispira billi dina tinsab kollha kemm hi fil-porzjoni raba mqabbla lilhom. Qed jigi esebit bhala prova illi l-ispira in kwistjoni ilha ma tintuza ghal izjed minn hamsin sena, zewg dokumenti mmarkati bhala 'X' u 'Y' mahruga mill-Malta Resources Authority;

(3) Inoltre l-intimati jew min minnhom qeghdin ukoll jippretendu li bicca zghira li ticcirkonda l-imsemmija spira u li wkoll hija parti mir-raba mqabbla lir-rikorrenti hija fil-fatt mqabbla ghandhom u ghamlu dikjarazzjoni f'dan is-sens ma' l-awtoritajiet kompetenti u cioe d-Dipartiment ta' l-Artijiet u jew il-Malta Resources Authority;

(4) Illi dan id-dritt ta' uzu ta' spira u passagg ghall-istess uzu l-intimati vvantawh ukoll permezz ta' ittra ufficjali mibghuta minnhom lir-rikorrenti fit-8 ta' Awissu 2008, kopja hawn annessa u mmarkata Dokument A, insegwitu ghall-ittra ufficjali li kienu baghtu l-istess rikorrrenti lill-intimati fil-25 ta' Lulju 2008 hawn annessa u mmarkata Dokument B fejn l-intimati gew mitluba biex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom mad-Dipartiment ta' l-Artijiet li mieghu kienu ddikjaraw li parti mill-ghalqa mqabbla lir-rikorrenti u cioe dik il-parti li fiha hemm l-ispira kienet taghmel parti mir-raba mqabbel lir-rikorrent minghand il-Gvern. Qed jigu annessi bhala Dokumenti C u D, il-pjanti relattivi tal-porzjoni raba mqabbla ghand ir-rikorrent kif ukoll pjanta li fiha hemm immarkata bi skala izghar, il-posizzjoni ta' l-ispira kif ukoll dik il-porzjoni ta' raba mqabbla ghand ir-rikorrenti u li fiha hemm l-ispira u liema porzjoni fuqha l-intimati qed jivvantaw id-drittijiet fuq imsemmija, bil-porzjoni raba mqabbla ghand ir-rikorrenti mmarkata bir-roza, l-ispira mmarkata bl-ahmar u bl-ittra X go fiha u dik il-porzjon li ticcirkonda l-ispira u li fuqha l-intimati qed jivvantaw kemm dritt ta' qbiela kif ukoll dritt ta' passagg biex juzaw l-ispira, mmarkata bil-griz, dan id-dokument immarkat bhala Dokument E.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghar-ragunijiet premessi u li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(a) Tipprefiggi terminu lill-intimati jew min minnhom, a tenur tal-Artikolu 403 u 404 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex f’dan it-terminu l-intimati jgibu ‘l quddiem b’kawza l-pretensjonijiet taghhom jew min minnhom;

(b) Timpedixxi lill-intimati jew min minnhom milli qatt izjed jagixxu ghal din il-pretensjoni fin-nuqqas u b’hekk ai terminu tal-Artikolu 410 tal-Ligi fuq imsemmija tikkundannahom ghal silenzju perpetwu in konnessjoni mad-drittijiet minnhom vantati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Lulju 2008 kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ta’ Speranza u Alfred Borg a** fol. 15-16 tal-process li permezz taghha esponew:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dokument prezentat mill-esponenti Speranza Borg lill-Awtoritajiet imsemmija mir-rikorrenti ma jikkostitwix milantazzjoni u ma jikkwalifikax ghall-azzjoni ta’ jattanza ai termini ta’ l-artikolu 403 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ufficjali responsiva notifikata lir-rikorrenti datata 8 t’ Awissu 2008 (gja esebita Dokument A mar-rikors promotorju) ukoll ma tikkostitwix milantazzjoni u ma tikkwalifikax ghall-azzjoni ta’ jattanza ai termini ta’ l-artikolu 403 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li din kienet provokata u nterpellata permezz ta’ ittra ufficjali da parti ta’ l-istess rikorrenti konjugi Borg (gja esebita Dokument B mar-rikors promotorju);

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ai termini ta’ l-artikolu 405 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qatt ma pretendew xi dritt fuq l-ispira bin-numru 1320 indikata fir-rikors promotorju stante li fil-fatt l-ispira in komuni bejn il-partijiet flimkien ma’ terzi, liema spira originarjament kienet tikkonsisti f’sienja wiesgha madwar ghoxrin pied, hija l-ispira bin-numru 1321 li kif jidher mid-dokumenti annessi mmarkati SB 1, SB 2, SB 3 u SB 4 hija komuni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kontenut tat-tieni paragarfu ta’ l-ittra ufficjali responsiva datata 8 t’Awissu, 2008 kienet tikkonsisti f’semplici proposta ghal ftehim bejn il-partijiet u terzi sabiex dawk kollha li ghandhom dritt ghall-uzu ta’ l-ispira bin-numru 1321 jkunu jistghu jippreservaw id-dritt ta’ passagg ghall-istess spira u d-dritt ta’ uzu ta’ l-istess u mhux pretensjoni ta’ dritt fuq il-qbila ta’ l-istess ghalqa;

7. B’riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti nkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 ta’ Awissu, 2008.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw.

**Fatti**

Fil-kaz in ezami l-intimati qed jippretendu illi huma ghandhom dritt ta’ l-uzu ta’ spira li r-rikorrenti jsostnu li qeghda fil-porzjon raba mqabbla ghandhom. Inoltre l-intimati qed jippretendu bicca zghira ohra li ticcirkonda l-imsemmija spira, li hija wkoll skond ir-rikorrent parti mir-raba mqabbla ghandhom. L-intimati ghamlu dikjarazzjoni f’dan is-sens mad-Dipartiment ta’ l-Artijiet u jew il-Malta Resources Authority.

**Eccezzjonijiet**

Illi skond verbal tas-17 ta’ Novembru 2008 il-Qorti kellha tisma’ l-provi u t-trattazzjoni fuq l-ewwel u tielet eccezzjoni u biex tisma’ rapprezentant tal-MEPA dwar il-hames eccezzjoni. Illi pero’ in sostanza l-eccezzjonijiet l-ohra huma l-istess bhal dawn l-eccezzjonijiet u cjoe’ li l-agir ta’ l-intimati ma jikkostitwix milantazzjoni. Il-partijiet qablu li tinghata sentenza fuq kollox.

Basikament l-intimati qed ighidu li l-ittra ufficjali responsiva datata 8 t’Awissu 2008 notifikata lir-rikorrenti ma hiex att jew kitba li tikkostitwix milantazzjoni u din saret billi giet provokata minn interpellazzjoni tar-rikorrenti permezz ta’ ittra ufficjali taghhom Dokument B.

**Ligi**

Skond l-artikolu 403 tal-Kodici ta' Procedura Civili:

*Meta f'atti gudizzjarji, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd , il-parti li trid tehles din il-pretensjoni tista' fi zmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'citazzjoni, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'l quddiem b'kawza dik il-pretenzjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretenzjoni.*

Ghal esercizzju ta' l-azzjoni ta’ jattanza hemm bzonn il-konkors ta' tliet rekwiziti, li huma:-

(1) Li jkun hemm il-militanza ta' pretensjoni;

(2) Li dik il-pretenzjoni tirrizulta minn att gudizzjarju jew bil-miktub;

(3) Li min jezercita l-azzjoni jkun irid ikun fil-pussess tad-dritt li fuqu tigi maghmula l-militantazzjoni. (1/7/46 Borg vs Borg pro et noe).

**Konsiderazzjonijiet**

Fid-difiza taghhom l-intimati qed jistriehu fuq dak hemm deciz fis-sentenza, Vella vs Micallef, deciza fil-15 ta' Dicembru 1958 fejn jinghad li biex ikun hemm lok ghall-gudizzju ta' jattanza jehtieg li l-allegazzjoni tkun spontanja, u mhux provokata; b'mod li jekk l-allegazzjoni ssir ghall-konservazzjoni jew difiza ta' drittijiet minn persuna, mhux biss azzjonata, imma anke merament interpellata b'att gudizzjarju, ma tikkostitwix milantazzjoni u ma taghtix lok ghar-rimedju eccezzjonali tal-gudizzju ta' jattanza

L-awtur Scioloya (Dizionario Prattico del Diritto Privato) jispjega li "se fosse diversament, e cioe' se l'azione fosse generalment accordata in virtu' di un interesse anche futuro ed eventuale e non attuale, ogni cittadino si troverebbe di continuo esposto a molestie gudiziarie". L-azzjoni ssir kontra min iressaq pretensjoni minghajr ma jgib id-dritt vantat in gudizzju.

Il-posizzjoni legali hija li jekk ir-rikorrent ma jipprovokax lill-intimat, izda dan spontanjament johrog b'xi dikjarazzjoni ta' dritt kontra r-rikorrent, u r-rikorrent ikollu interess jillibera ruhhu mid-dritt vantat kontra tieghu allura l-ligi taghti r-rimedju ta' l-azzjoni ta' jattanza. Izda meta r-rikorrent mexxa jew gieb 'l quddiem kontra l-intimat xi pretensjoni u dana biex jillibera ruhhu minn dik il-pretensjoni jgib raguni ghaliex huma qieghed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja, imma tassumi l-kwalita' ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. L-intimat f'kazijiet bhal dawn ikun qed jezercita dritt tieghu.

Fil-kaz in ezami fis-sena 2000 l-intimati applikaw mad-Dipartiment u ppretendew li huma ghandhom dritt fuq l-ispira li r-rikorrenti jghidu li hija taghhom. Id-Dipartiment wara snin biex jipprocessa dina l-applikazzjoni, fl-2007 infurma lir-rikorrenti bil-pretensjoni ta' l-intimati u dawn min-naha taghhom baghtu ittra ufficjali lill-intimati Dok. a fol. 5 fejn intimawhom biex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom u jimmodifikaw id-dikjarazzjoni li kienu ghamlu.

L-intimati wiegbu b'ittra ufficjali ohra Dok. a fol. 4 fejn irrespingew l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti billi qalu li l-ispira kienet in kommuni, u infurmawhom li ma kien hemm l-ebda bzonn ta' proceduri ulterjuri.

Ghalkemm fl-ittra ufficjali l-intimati kienu lesti li jiltaqghu biex tigi rizolta l-kwistjoni, fl-istess hin huma baqghu jinsistu fuq il-pretensjoni taghhom fuq l-ispira u sostnew li ma kienx hemm bzonn ta' proceduri ulterjuri. Dik l-ittra ufficjali saret a termini ta' l-artikolu 889 tal-Kap 12 biex jaffermaw id-dritt taghhom.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-pretensjoni li pprovakat kollox kienet gejja min-naha ta' l-intimati bl-applikazzjoni li huma ghamlu u mhux min-naha tar-rikorrenti li wiegbu ghal dina l-pretenzjoni bl-ittra ufficjali imsemmija. Kien permezz ta' l-applikazzjoni – att kif jirrikjedi l-artikolu 403 - li ghamlu l-intimati mad-Dipartiment fejn ressqu l-pretensjoni taghhom li r-rikorrenti qed joggezzjonaw ghalih.

L-intimati qed jinsistu wkoll (ara trattazzjoni) li l-azzjoni tar-rikorrent mhix sostenibbli billi ghaddiet sena minn meta saret il-pretensjoni kif jipprovdi l-artikolu 403 tal-Kap. 12. F'dan il-kaz ir-rikorrenti gew infurmati mid-Dipartiment fis-sena 2007 li kien hemm pretensjoni da parti ta' l-intimati ghal dina l-ispira. Ghalkemm l-applikazzjoni ta' l-intimati saret fis-sena 2000 dina giet processata u d-dritt vantat mill-intimati gie kostatat mid-Dipartiment wara ezami tad-debiti pjanti, fit 2007 u kien biss f'dik is-sena li l-pretensjoni ta' l-intimati ngabet a konjizzjoni tar-rikorrenti. Imbaghad entro s-sena r-rikorrenti ipprocedew b'dina l-kawza.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet ta' l-intimati qed jigu michuda.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddecidi
billi tilqa l-ewwel talba tar-rikorrenti;

u taghti lill intimati tliet xhur zmien biex fih igibu ‘l quddiem il-pretensjoni taghhom;
u tirriserva li tipprovvdi dwar it-tieni talba fi stadju ulterjuri f’kaz li dan it-terminu moghti jghaddi inutilment.
Spejjez riservati ghal decizjoni finali.
Il-kawza differita ghall-kontinwazzjoni ghas-7 ta’ Ottubru 2009 fid-9.15am.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------